**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**
**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Francois Cumbo**
**Pauline Pisani**
**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 278/18**

**Illum, 2 ta' Lulju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Francois Cumbo detentur tal-karta tal-identita` numru 393280M, Pauline Pisani detentrici tal-karta tal-identita` numru 558785(M) u -Omissis-.

Akkuzati talli nhar l-04 ta' Mejju 2018 ghal habta tas-7pm, gewwa l-Marsa,

1. ikkommettew serq ta' flus kontanti u/jew oggetti ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-Vjolenza u bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta' €2,329.37, ghad-detriment ta' Mate GERA ta' nazzjonalita Ungeriza u/jew ta' persuna, persuni u/jew xi entita jew entitajiet ohra;

2. U aktar talli bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Mate GERA, kontra l-volonta' tieghu, bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex Mate GERA jkun imgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta' hwejgu;

Lil Francois Cumbo wahdu akkuzat talli:

3. B'hekk ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' sentenza ta' xahar prigunerija sospizi ghal sitt xhur moghtija lilu mill-Magistrat Dr. G. Mercieca LL.D. nhar it-12/02/2018;

4. Kif ukoll ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' sentenza ta' xaharejn prigunerija sospizi ghal sena moghtija lilu mill-Magistrat Dr. G. Mercieca LL.D. nhar id-09/04/2018;

Lil Pauline Pisani waheda, akkuzata talli:

5. B'hekk ikkommettiet reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, moghtja lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali, Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., nhar is-07/03/2017;

Il-Qorti giet mitluba titratta ma Francois Cumbo, Pauline Pisani u -Omissis- bhala <u>recidivi</u> ta' diversi sentenzi li saru defenittivi u ma jistghux jinbiddlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati jhallas l-ispejjez li ghndhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina tal-imputati li hija wahda refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputati li wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat is-sussegwenti ammissjoni taghhom fl-udjenza tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju elfejn u tmintax (2018) u fejn huma kkonfermaw tali ammissjoni u talbu sabiex jithejja *Pre Sentencing Report* minn ufficjal tal-Probation;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi z-zewg rapporti tal-ufficjali tal-Probation li gew mqabbda sabiex ihejju *Pre Sentencing Reports* ghaz-zewg imputati;

Rat il-*Pre Sentening Report* mitlub mid-difiza datat tletin (30) ta' Mejju 2016 redatt mill-ufficjal tal-Probation Rhona Custo';

Semghet lill-ufficjal tal-Probation Charisse Boffa li hejjiet ir-rapport ghall-imputat Francois Cumbo fejn intqal fir-rapport taghha s-segwenti:

***"Konkluzjonijiet***

- ***Fatturi identifikati***

- Rigward aspett ta' familja, jidher li l-ikkonċernat ġej minn familja tajba, fejn dejjem kellu s-sapport kollu li kellu bżonn. Qabel ma ġie arrestat kien jgħix m'ommu, m'oħtu u man-neputijiet tiegħu fiż-Żurrieq. Minn żjara li saret f'din ir-residenza oħt Francois spjegat li ħuha ilu għaddej bil-vizzju tad-droga u tixtieq ħafna li huwa jaħdem fuq hekk b'iktar motivazzjoni peress

illi qabel ma ġie arrestat kienu qegħdin jinkwetaw li ser isibuh mejjet. Francois għandu wkoll tifla ta' 11-il sena però preżentement m'għandux kuntatt magħha minħabba li kien qed jgħix ħajja kaotika.

- Fil-qasam tax-xogħol, ir-rekords tal-Jobsplus jindikaw li l-imputat dejjem ħadem xogħol regolarizzat f'diversi oqsma. Huwa jirrimarka li anke waqt li qiegħed ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin huwa qed jaħdem il-pupi tal-Playmobil u għadu kif beda jaħdem fil-kċina bħala *dishwasher*.

- Jidher li l-ikkonċernat beda jabbuża mid-droga ta' madwar dsatax-il sena, fejn huwa għamel madwar erba' snin għaddej b'dan l-użu sakemm ma ltaqa' mal-ex sieħba tiegħu. Francois sostna li kien għamel madwar tlettax -il sena 'l bogħod mid-droga u kien bena familja u kien jgħix ħajja stabbli. Iżda meta din ir-relazzjoni ntemmet madwar tliet snin ilu huwa reġa' beda jgħix ħajja pjuttost kaotika fejn reġa' rrikorra għad-droga. Francois kellu kuntatt mad-diversi aġenziji li jaħdmu ma' nies bil-problema tad-droga. Huwa kien għadu kif spiċċa l-programm tal-OASI f'Jannar 2018 u din l-informazzjoni ġiet ukoll ikkonfermata min-naħa ta' din l-organizzazzjoni.

- **Pjan ta' kura**

- Mill-informazzjoni miġbura jidher li Francois jsibha diffiċli biex jgħid le u skont ma' min jagħmilha jispiċċa jinġarr mal-kurrent. Għalhekk għandu bżonn jaħdem sew fuqu nnifsu sabiex isaħħaħ il-karattru tiegħu u jagħraf jagħżel in-nies li jagħmilha magħhom. Din it-tip ta' għajnuna tista' tingħata b'mod iktar ħolistiku billi jibda jsegwi programm residenzjali li jieħu iktar fit-tul fejn huwa verament jista' jaħdem fil-fond fuq il-problemi tiegħu.

- Waqt dan il-programm huwa għandu jieħu kull opportunità kemm ta' edukazzjoni kif ukoll ta' xogħol li jiġi provdut.

- Francois wera x-xewqa li meta jiġi rrilaxxat mill-ħabs huwa jmur jgħix għal rasu, għalhekk għandu bżonn gwida u għajnuna sabiex jitgħallem iktar ħiliet biex ikun sod u indipendenti biżżejjed biex jagħmel dan.

**Rakkomandazzjoni**

Fid-dawl tal-informazzjoni miġbura jirriżulta li permezz ta' sentenzi alternattivi għal piena ta' priġunerija, Francois Cumbo ngħata opportunitajiet sabiex jirriabilita ruħu. Madanakollu jidher li dawn ma servewx ta' deterrent għall-imputat, dan kif evidenti mill-Fedina Penali tal-imsemmi u mill-akkużi odjerni, li fost l-oħrajn jinkludu li huwa wettaq reat waqt perjodu operattiv ta' żewġ sentenzi sospiżi u r-reċediva. F'dan il-każ l-imputat ammetta għall-akkużi li qed jiġu miġjuba kontrih u jsostni li għamel dan minħabba l-problema tad-droga li huwa għandu.

Għaldaqstant, qiegħed jiġi umilment rakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li Francois Cumbo jingħata sentenza karċerarja fit-terminu li jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti flimkien ma' Ordni ta' Trattament skont l-Artiklu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' din is-sentenza u ordni huwa maħsub li l-ikkonċernat ikollu deterrent qawwi biżżejjed sabiex ma jerġax iwettaq reat ieħor, filwaqt li juża ż-żmien tiegħu fil-ħabs sabiex jattendi programm ta' riabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga u jingħata l-gwida li hemm bżonn minn Uffiċjal ta' Probation sabiex il-pjan ta' kura mfassal jista' jiġi aċċertat."

Min-naha taghha l-ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina qalet hekk fir-rapport taghha ghar-rigward tal-imputata Pauline Pisani:

*"**<u>Konkluzjonijiet</u>***

- **Fatturi identifikati**

Pauline Pisani qiegħda tiġi akkużata li flimkien ma' persuni oħra kkommettiet serq ikkwalifikat bil-vjolenza, li wettqet reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża u li saret reċidiva.

L-imputata ma xtaqitx titkellem dwar il-familja tal-oriġini tagħha jew dwar uliedha. Hija ssemmi li dawn iż-żewġ aspetti iqanqlu fiha emozzjonijiet li mhix lesta taffaċċja fil-kuntest li tinsab fih. Mill-informazzjoni miġbura minn sorsi oħra madankollu jirriżulta li Pauline Pisani kellha trobbija diffiċli u li kibret f'kuntest familjari negattiv li introduċiha għal imġiba kriminali. Hija għandha tliet ulied li ma jinsabux fil-kura tagħha, biż-żewġ ulied iż-żgħar tinħareġ *care order* fil-konfront tagħhom f'Awwissu tal-2017.

Pisani ilha f'relazzjoni mas-sieħeb tagħha għal bosta snin mal-ko-akkużat Marvic Mercieca. Filwaqt li jirriżulta li għal perjodu sostanzjali kienu ta' sostenn għal xulxin sabiex iżommu 'l bogħod mill-vizzju tad-droga, fl-aħħar perjodu jidher li ma għenux lil xulxin f'dan ir-rigward. Fil-preżent l-imputata tinsisti li s-sieħeb tagħha joffrilha sapport.

B'relazzjoni mal-aspett ta' xogħol, Pauline Pisani qatt ma kienet ingaġġata f'impjieg regolarizzat għalkemm issostni li ġieli ħadmet għal qasir żmien f'xogħlijiet mhux regolarizzati.

Fir-rigward tal-aspett tad-droga jirriżulta li l-imputata għandha storja twila ta' abbuż ta' sustanzi illeċiti. Hija tul is-snin kienet f'kuntatt primarjament mal-Aġenzija Sedqa b'relazzjoni mal-istess problema u f'aktar minn okkażjoni waħda bdiet programm residenzjali ta' riabilitazzjoni. Kien biss fis-sena 2011 madankollu li hija rnexxielha tittermina parti sostanzjali mill-programm residenzjali offrut minn Sedqa. B'konsistenza ma' dak li ssostni l-imputata, informazzjoni miġbura minn Sedqa u mill-Aġenzija Appoġġ tindika li l-imsemmija għamlet numru ta' snin tgħix ħajja stabbli wara l-istess programm. B'konsistenza ma' dan, il-Fedina Penali tal-imsemmija tindika li għajr għal każ odjern, Pisani ma reġgħetx involviet ruħha mal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali wara April tal-2011.

B'relazzjoni mal-każ odjern, Pauline Pisani tidher tieħu responsabbiltà ta' għemilha u tirrelata l-imġiba tagħha mal-problema tad-droga, li kif issostni hija stess reġgħet tfaċċat fl-aħħar sentejn. Jidher li l-istess problema wasslet sabiex terġa' titlef l-istabbiltà f'ħajjitha. Minkejja dan, fl-aħħar snin ma jirriżultax li hija rrikorriet għall-għajnuna ta' Aġenziji li jaħdmu kontra l-vizzju tad-droga. Testijiet tal-urina meħuda ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin tul il-kumpilazzjoni tar-rapport irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi illeċiti. Mistoqsija dwar x'tixtieq tagħmel sabiex tindirizza l-problema tad-droga, Pauline issostni li lesta tibda sessjonijiet ma' *key worker* mill-Aġenzija Sedqa. Fir-rigward ta' programm residenzjali madankollu hija ssostni li ma tixtieqx li dan ikun impost fuqha mill-Qorti sabiex tkun tista' tevalwa alternattivi oħra.

Ħarsa lejn il-Fedina Penali ta' Pauline Pisani turi li hija kienet involuta ħafna drabi mal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali b'relazzjoni ma' akkużi li jirrelataw primarjament ma' tlajjar għal skop ta' prostituzzjoni, serq, estorsjoni u pussess ta' droga. Filwaqt li ngħatat bosta sentenzi ta' priġunerija, f'diversi okkażjonijiet hija ngħatat sentenzi alternattivi għal priġunerija.

- **Pjan ta' kura**

Mill-informazzjoni miġbura jinħass il-bżonn li Pauline Pisani tindirizza l-problema tad-droga permezz ta' programm residenzjali ta' riabilitazzjoni u li hija tkompli tirċievi sapport minn *key worker* mat-terminazzjoni tal-istess programm. Il-motivazzjoni tal-imputata f'dan ir-rigward madankollu hija waħda dubjuża u għaldaqstant teħtieġ għajnuna sabiex tagħraf l-importanza li taħdem bis-serjetà dwar l-aspett ta' vizzji kemm-il darba għandha l-ħsieb li tgħix ħajja stabbli fil-komunità.

**Rakkomandazzjoni**

L-akkużi odjerna li tirrelata mal-ksur ta' sentenza sospiża tindika li Pauline Pisani m'għarfitx tibbenefika mill-opportunità mogħtija lilha sabiex tindirizza l-problema tagħha tad-droga fil-komunità u li l-istess Ordni alternattiva għal priġunerija ma servitx ta' deterrent għall-imsemmija. Għaldaqstant qiegħed umilment jiġi rrakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li Pauline Pisani tingħata piena ta' priġunerija effettiva. L-element riabilitattiv barra minn hekk jidher li aktar hemm iċ-ċans illi f'dan l-istadju jintlaħaq f'ambjent ristrett, dan kif tindika tajjeb is-sitwazzjoni kaotika tal-imputata qabel il-perjodu tal-arrest."

Rat illi l-imputati ma kellhomx l-ebda oggezzjoni ghar-rapporti pprezentati u permezz ta' nota datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju elfejn u tmintax (2018) huma ddikjaraw li ma kellhomx l-ebda kontroezami x'jaghmlu lill-ufficjali tal-Probation;

Illi ghaldaqstant u tenut ta' dak li ntqal fir-rapporti tal-ufficjal tal-Probation li din il-Qorti qed tabbraccjahom u wara li rat l-Artikoli 261(a)(c), 262, 267, 275, 277, 279(a), 280(2), 86, 87(1)(e), 28B, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati Francois Cumbo u Pauline Pisani hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrihom u lil:

**Francois Cumbo** tikkundannah ghal erbatax (14)-il xahar prigunerija effettivi ghall-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi flimkien ma' Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-istess perjodu, kif ukoll ghal xahar (1) prigunerija effettivi fuq ksur ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu u datata tnax (12) ta' Frar elfejn u tmintax (2018) kif ukoll ghal xahrejn (2) prigunerija effettivi fuq ksur ta' sentenza sospiza moghtija ukoll kontrih u datata disgha (9) ta' April elfejn u tmintax (2018); u lil

**Pauline Pisani** tikkundannaha ghal erbatax (14)-il xahar prigunerija ghall-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi, filwaqt li tikkundannaha ghal sentejn (2) prigunerija li qeghdin jigu effettivi stante li kien hemm ksur ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront taghha nhar is-sebgha (7) ta' Marzu elfejn u sbatax (2017).

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**